

# Il-Knisja tal-Madonna tal-Providenza fis-Siġġiewi

kitba ta' Roderick Busuttil

Il-Knisja tal-Madonna tal-Providenza tinsab bejn is-Siġġiewi u Għar Lapsi, fil-lok fejn fl-antik, kien hemm ir-raħal magħruf bħala Ħal Kbir, raħal li llum spiċċa u minnu, flimkien ma' tliet irħula oħra, twieled ir-raħal tas-Siġġiewi. Jingħad li dan ir-raħal kien wieħed mill-akbar irħula ta' Malta.

## Oriġini

Id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tal-Providenza hija antika ħafna u tmur lura għal aktar minn nofs is-seklu tmintax. It-tradizzjoni tgħid li fl-antik, kien hemm knisja magħrufa bl-isem ta' Santa Marija tal-Knejjes jew Marija Assunta, li kienet mibnija fuq katakombi f'dawk l-inħawi.



Dettall tal-lavur fil-ġebel li għandha l-Knisja tal-Madonna tal-Providenza fuq barra

Fiż-żjara ta' Monsinjur Duzina fl-1575, meta dak iż-żmien kien għadu jeżisti Ħal Kbir, hu sab knisja ddedikata lill-Madonna fil-Ħarba tagħha lejn l-Eġittu. Maġenb din il-knisja, kien hemm knejjes oħra li llum spiċċaw.

Iżda meta r-raħal ta' Ħal Kbir ġie abbandunat, il-knisja ġiet mitluqa wkoll, tant li fl-1747, l-Isqof Alpheran de Bussan kien ordna li tiġi pprofanata. Jidher li l-kappillan tas-Siġġiewi, dak iż-żmien Dun Mikelanġ Mamo, kien iddispjaċut ħafna b'dan kollu u ddeċieda li jerġa' jibnieha mill-ġdid. Huwa stinka kemm felaħ biex jipperswadi lill-Isqof de Bussan biex jagħtih permess li jerġa' jiftaħha. Jidher li rnexxielu fl-għan tiegħu għax il-Knisja nbniet mill-ġdid, u meta tqiegħdet l-ewwel ġebla, fl-4 ta' Novembru tal-1750, tqiegħdu midalji bix-xbieha tal-Madonna, bl-isem tal-Monsinjur Isqof de Bussan u tal-Kappillan li ħallas għaliha. Skont Mahoney, il-knisja nbniet fuq l-istil tal-Knisja ta' Liesse l-Belt Valletta.



Il-faċċata tal-Knisja tal-Madonna tal-Providenza

Il-bini tal-knisja l-ġdida tela' bit-tħabrik tal-kappillan u tas-saċerdot Dun Nikol Borg. Hi tbierket fis-16 ta' Settembru tal-1753, mill-Kappillan Mamo, b'delegazzjoni tal-Awtorità Ekkleżjastika.

**Id-dedika lill-Madonna tal-Providenza**

Wara li l-knisja ġiet ikkonsagrata mill-ġdid fl-1753, din bdiet tiżżejjen b'opri tal-arti. Il-knisja kellha artal wieħed u l-kwadru titulari ġie kkummissjonat mill-Kapillan Mamo nnifsu. Il-kwadru juri lill-Madonna qed iżżomm lil Binha Ġesù fi ħdanha, u tidher imdawra bl-anġli. Fil-parti t'isfel tal-kwadru, jidhru wkoll l-erwieħ tal-purgatorju. Peress li l-Kappillan Mamo kien devot kbir ta' San Mikiel Arkanġlu, li tiegħu kien iġib l-isem, dan il-qaddis jidher ukoll fil-pittura. L-artist li pinġa dan il-kwadru kien Enrico Arnaux.

Iżda fl-1804, dan il-kwadru titulari tneħħa u minfloku tqiegħed ieħor. Dan huwa x-xogħol tal-pittur Palermitan Giuseppe Velasco, u kien jirrappreżenta lill-Madonna flimkien ma' Binha Ġesù fi ħdanha. F'dan il-kwadru, il-Madonna tidher qiegħda fuq is-sħab b'idha miftuħa tbierek ir-raba', xebh tal-Providenza Divina. Minn dakinhar, il-knisja saret magħrufa bħala l-Knisja tal-Providenza.

**Il-Knisja tkompli tiżżejjen**

Wara li stinkaw kemm felħu biex jiġbru l-flus biex inbniet il-knisja, Dun Michelangelo Mamo u Dun Nikol Borg komplew iżejnuha mill-aħjar li setgħu, tant li dawn it-tnejn jibqgħu magħrufa bħala benefatturi kbar ta' din il-knisja. Minn butu stess, Dun Nikol ħallas għall-iskultura kollha li żżejjen din il-knisja kemm minn ġewwa, kif ukoll minn barra.

Jidher li fl-1815, il-Knisja tal-Providenza sofriet xi ħsara meta ntlaqtet minn sajjetta. Biex jitranġa l-ħajt li ġarrab il-ħsara, inbena l-portiku sabiħ u maestuż li hemm illum. Dan kien ħallas għalih Dun Pietro Paolo Saliba, in-neputi tal-Kapillan Mamo, u sar fuq id-disinn tal-arkitett Mikiel Cachia. Ta' min jgħid li dan il-portiku hu wieħed mill-isbaħ li nsibu fil-gżejjer tagħna. Fuq il-faċċata ta' barra, tispikka l-iskultura li turi xi għasafar inaqqru rummiena, li tirrappreżenta l-providenza. Taħthom hemm skrizzjoni bil-Latin, meħuda mill-Vanġelu ta' San Mattew li tgħid:



L-artal tal-knisja

**"Ħarsu lejn l-għasafar tas-sema: la jiżirgħu u lanqas jaħsdu u lanqas igeddsu fl-imħażen, imma madanakollu Missierkom li Hu fis-smewwiet jitmagħhom! Intom ma tiswewx iktar minnhom!"**

Il-Knisja għandha koppla sabiħa u skulturata, li ġo fiha hemm kampnar żgħir li fih qanpiena li ġġib l-arma tal-Granmastru Fra Emmanuel Pinto de Fonseca, li wkoll nafu wkoll li kien devot kbir tal-Madonna.

**Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Providenza**




Il-ħafna kwadri ex-voto li nsibu f'din l-knisja huma xhieda tad-devozzjoni kbira li teżisti lejn din l-istess knisja li tinsab f'nofs il-kampanja. Insibu wkoll li l-Isqof Monsinjur Fra Bartolomeo Rull, ikkonċeda indulġenza plenarja ta' 40 jum lil min jgħid Salve Reġina quddiem l-artal ta' din il-knisja, u huwa għalhekk li t-tieqa li hemm fil-baxx, kienet tinżamm dejjem miftuħa.

Fil-ġenb tal-artal maġġur hemm balla ta' kanun tork, li hi relikwija tal-Assedju l-Kbir tal-1565, fejn fid-difiża tas-swar tal-Birgu kien hemm madwar 560 raġel mis-Siġġiewi.

Għal ħafna snin, f'din il-Knisja, il-quddiesa solenni kienet issir nhar il-festa tal-Providenza u din kienet tiġi ċċelebrata Ħadd wara l-festa tal-Madonna tal-Vitorja. Dak iż-żmien, ħafna nies kien jimxu mis-Siġġiewi biex jaslu lejn din il-knisja li tinsab qalb il-kampanja. Il-festa għadha tiġi ċċelebrata sal-lum, iżda fuq skala inqas.

Minkejja li mhijiex fiċ-ċentru tar-raħal, din il-knisja tal-kampanja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna, grazzi għad-devozzjoni li għad hemm lejha.

**Għal iktar informazzjoni fuq kappelli u knejjes żgħar li nsibu f'pajjiżna, żuru s-sit www.kappellimaltin.com**

**Referenzi**

A Hundred Wayside Chapels of Malta and Gozo – Mikiel Spiteri (Kilin), Heritage Malta Books (2000)

Marian Devotions in the Island of St Paul (1600-1800) – Rev. Vincent Borg - http://www.maltahistory.eu/publications.htm (Accessed in June 2014)

Jackie Unisex Salon

Hair Dressing

26, Triq San Ġwann tal-Għargħar,
San Ġwann • Tel: 2138 0275
7.00am to 6.00pm
*Wednesday Closed*